**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 40/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ryan Vella)**

**vs**

**Robert BRINCAU**

**Illum, 25 ta' Settembru 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-24 ta' Jannar 2023 fil-konfront ta' **Robert BRINCAU** ta' 49 sena, iben Joseph u Frances xebba Cassar, imwieled nhar l-1 ta' Settembru 1973 ġewwa Attard u residenti fil-fond Vilhena Court, Flat 11 Four, Triq Piscopo Macedonia, San Pawl il-Baħar u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 437373(M), li ġie mixli talli:

Matul il-jum tal-21 ta' Awwissu 2022 għall-ħabta ta' bejn il-17:30hrs u s-18:15hrs, fl-inħawi tal-Għassa tal-Għadira ġewwa Triq il-Marfa, Mellieħa u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin:

(1) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' **Liam Doublet** f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Sylvano Mizzi, bin-numru ta' reġistrazzjoni mediku 6378, miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta u dan bi ksur ***tal-Artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta***;

(2) Mingħajr ma darab jew sawwat, hedded lil **Liam Doublet**, b'ġebel jew oġġett ieħor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex iħebb għalih u dan bi ksur tal-***Artikolu 339(1)(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta***;

(3) Għamel inġurji jew theddid lil **Liam Doublet** li mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ il-barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-***Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta***;

(4) Żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II tal-Att dwar l-Armi (Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta) mingħajr ma kellu liċenzja taħt dak l-Att u dan bi ksur ***tal-Artikolu 5(1) tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta***;

(5) Talli waqt li kien qiegħed jagħmel reat kontra s-sigurta` tal-gvern jew kontra l-persuna jew ta' serq jew ħsara fil-proprjeta`, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti u dan bi ksur ***tal-Artikolu 55(a) tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta***;

(6) Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u/jew storbju u dan bi ksur ***tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta***;

U aktar talli matul il-jum tal-21 ta’ Awwissu 2022 fi bandi oħra fil-Gżejjer Maltin:

(7) Permezz ta’ xi network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika, hedded lil **Charlton Caruana** li jagħmel xi reat u dan bi ksur ***tal-Artikolu 49(a) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta’ Malta***;

(8) Permezz ta’ xi network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika, għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur ***tal-Artikolu 49(c) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta’ Malta***;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, tordna l-konfiska tal-istrumenti li servew jew li kienu maħsuba li jservu sabiex isir id-delitt, u ta’ kull ma jkun ġie miksub bid-delitt, u dan ai termini ***tal-Artikolu 23 Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta***.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb dak il-warrant, liċenzja, permess jew awtorita`, għal perjodu ta’ żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq, u dan ai termini ***tal-Artikolu 30 tal-Kap 9 u l-Artikolu 57 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta’ Malta***.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, tipprovdi għas-sigurta` ta’ **Liam Doublet** u **Charlton Caruana** ai termini ***tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta***.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 214, 222(1), 339(1)(b), 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikoli 5(1) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta, iddikjarat lill-imputat **Robert BRINCAU** (illum l-appellant) ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed, tnejn, tlieta, erbgħa u ħamsa u kkundannatu għal tnax-il (12) xahar priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, ġew sospiżi għal żmien tliet (3) snin mid-data tas-sentenza, filwaqt illi lliberatu

mis-sitt, mis-seba' u mit-tmien imputazzjoni, stante illi ma rriżultawx ippruvati.

In oltre, ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin għal żmien tliet (3) snin sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' Liam Doublet, Charlton Caruana u Daniela Dingli, liema Ordni kellha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment, ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-konfiska tal-arma esebita tat-tip Glock bis-*serial number* BRZR 300, flimkien ma' għaxar (10) *bullets* ta' disa' millimetri (9mm) li huma mmarkati bħala Dokument RB1 u Dokument RB2.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti kkundannat lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ispejjeż peritali, senjatament relatati mal-inkarigu tal-espert Keith Cutajar, inkorsi f'dawn il-proċeduri fl-ammont ta' disa' mija, wieħed u sebgħin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€971.95).

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi permezz tar-rikors tal-appell ippreżentat minnu fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar it-8 ta' Frar 2023, **Robert BRINCAU** appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex "*tirriforma s-sentenza msemmija billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn gie lliberat mis-sitt, mis-seba' u mit-tmien imputazzjoni, tirrevoka u thassarha fil-bqija u tilliberah minn kull htija u piena*".

## D. RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi permezz tar-risposta tagħha, ippreżentata *seduta stante* matul l-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, fit-22 ta' Ġunju 2023, l-Avukat Ġenerali wieġbet illi kienet qegħda topponi għat-talba kif dedotta fir-rikors tal-appell tar-rikorrenti u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess risposta.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti, kif preseduta, nhar is-7 ta' Diċembru 2023, il-partijiet trattaw il-mertu ta' dan l-appell.

## F. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi jirriżulta mill-atti proċesswali illi nhar il-21 ta' Awwissu 2022, għall-ħabta tas-19.26hrs, daħal rapport ġewwa l-Għassa tal-Qawra minn ċertu Liam Doublet (detentur tal-karta tal-identità bin-numru 561789(M)), Charlton Caruana (detentur tal-karta tal-identità bin-numru 154188(M)), sid u direttur tas-soċjeta` *Alpha Medical* u Daniela Dingli (detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 568593(M)), infermiera mal-istess soċjeta`, u dan b'rabta ma' inċident li allegatament seħħ ftit tal-ħin qabel ġewwa l-Għadira, il-Mellieħa. Skont l-istess rapport, Doublet, bħala s-sewwieq ta' ambulanza tal-*Alpha Medical*, kien ġie f'argument ma' Robert BRINCAU, l-appellant, u kien qala' daqqa ta' ras mingħand l-istess BRINCAU u illi da parti tiegħu, huwa kien tah daqqa ta' ponn lura. In oltre skont l-istess rapport, BRINCAU ħareġ arma tan-nar waqt dan l-argument u ppuntaha lejn wiċċ Doublet.

7. Jirriżulta in oltre mill-atti proċesswali illi fil-jum in kwistjoni, qabel sar l-imsemmi rapport, inqala' diżgwid bejn l-uffiċjali tal-*Malta Red Cross* u dawk tas-soċjeta` *Alpha Medical,* u dan dwar il-mod li bih kien se jiġi trasportat pazjent lejn l-istpar Mater Dei minn ġewwa l-Għadira. Iżjed tard, wara li Marie Paulette Fenech (detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 408677(M)), Direttur Ġenerali tal-*Malta Red Cross* u mart l-appellant, ġiet infurmata b'dan l-akkadut, hija marret fuq il-post flimkien mal-appellant, fejn kellmet lix-xufier tal-ambulanza tal-*Alpha Medical,* Liam Doublet. Skont dak li jallega Doublet, kien f'dan il-mument li seħħ l-inċident bejnu u bejn l-appellant BRINCAU. F'dan il-waqt, Daniela Dingli, l-infermiera, kienet qed tikkura pazjenta, Ylenia Formosa (detentrici tal-karta tal-identità bin-numru 67094(M)), ġewwa l-

ambulanza ta' *Alpha Medical*, li kienet tinsab ipparkjata ħdejn l-Għassa tal-Għadira.

8. Jirriżulta wkoll illi wara r-rapport ta' Doublet, fuq talba tal-Pulizija, il-Maġistrat Dr. Lara Lanfranco ħarġet mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront tal-appellant BRINCAU. In eżekuzzjoni tal-istess mandat, nhar it-22 ta' Awwissu 2022, għall-ħabta ta' nofs il-lejl, is-Supretendent Priscilla Caruana Lee, l-Ispettur Ryan Vella u PS 55 Iman Cutajar marru fir-residenza tal-appellant, ġewwa San Pawl il-Baħar, mil-liema residenza ġiet elevata arma tat-tip Glock bin-numru tas-serje BRZR300, ta' lewn iswed bil-griż, *magazine* ta' 9mm bin-numru tas-serje 47574 ta' kulur iswed, *holster* ta' kulur iswed u għaxar *bullets* (ta' 9 mm), fir-rigward ta' liema nħarġet lill-appellant riċevuta bin-numru 08668.

9. Jirriżulta wkoll illi dakinhar tat-22 ta' Awwissu 2022, l-appellant ittieħed ġewwa l-Għassa tal-Qawra sabiex tittieħed l-istqarrija tiegħu. Marret ukoll fl-istess Għassa, Marie Paulette Fenech, li tat il-verżjoni tagħha fir-rigward ta' dak allegat fil-konfront tal-appellant BRINCAU, u sussegwentement xehdet fil-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti. Dakinhar stess tat-22 ta' Awwissu 2022, BRINCAU irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva, wara li ngħata d-drittijiet tiegħu skont il-liġi, liema drittijiet huwa għażel li ma jeżerċitahomx[1].

10. Fl-istess jum, il-Pulizija ħadet ukoll il-verżjonijiet tal-partijiet kollha li kellhom xi involviment fil-każ, jew inkella kienu xhieda okulari tal-akkadut ossia Liam Doublet, Charlton Caruana, Daniela Dingli, u Ylenia Formosa. Dawn xehdu lkoll fil-proċeduri odjerni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Jirriżulta wkoll illi l-Pulizija elevat filmat mill-*cameras* tas-sigurta` ta' residenza fl-akkwati fejn seħħ l-argument bejn BRINCAU u Doublet. Kellha wkoll fil-pussess tagħha filmat ieħor li ttieħed minn Daniela Dingli biċ-ċellulari tagħha, fil-ħin tal-inċident. Dawn il-filmati jinsabu esebiti fl-atti proċesswali.

11. Nhar is-7 ta' Settembru 2022, BRINCAU irrapporta ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra, fil-preżenza tal-avukat ta' fiduċja tiegħu, u ngħata

[1] Ara d-dikjarazzjoni tal-appellant, a fol. 30 tal-proċess u l-istqarrija rilaxxjata minnu fit-22 ta' Awwissu 2022, a fol. 31 *et seq* tal-proċess.

*disclosure,* kif ukoll id-drittijiet li kienu jispettaw lilu bil-liġi, sabiex imbagħad, irrilaxxja t-tieni stqarrija tiegħu rigward dan l-inċident.[2] Fiż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati minnu, l-appellant innega illi kien hemm xi konfront fiżiku jew illi kellu arma tan-nar fil-pussess tiegħu, jew illi f'xi ħin huwa ppunta din l-arma lejn xi ħadd. L-appellant għażel ukoll li jixhed quddiem l-ewwel Qorti, fejn reġa' tenna din il-verżjoni tiegħu.

12. Nhar id-19 ta' Ottubru 2022, bdew il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-konfront tal-appellant, u nhar l-24 ta' Jannar 2023, l-istess Qorti għaddiet għas-sentenza tagħha fil-konfront tiegħu, kif ingħad iktar 'il fuq.

13. Illi fir-rigward tas-sentenza appellata, l-appellant BRINCAU itenni illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet evalwazzjoni parzjali u inkompleta tal-evidenza li nġiebet quddiema u illi l-istess Qorti injorat provi importanti u skartat sottomissjonijiet li, dejjem fil-fehma tal-appellant, kienu ben fondati.

14. Illi din il-Qorti tibda billi tfakkar li l-prinċipju regolatur imħaddan fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna jibqa' dejjem dak illi din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi kif magħmul minn dik il-Qorti, kemm il-darba jirriżulta illi l-ewwel Qorti setgħet raġonevolement u legalment tasal għal dik il-konklużjoni li tkun waslet għaliha. F'dan il-kuntest, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tal-21 ta' April 2005, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** fejn ingħad is-segwenti:

> ... kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma

[2] Ara din l-istqarrija, a fol. 34 *et seq* tal-proċess.

setgħetx ragjonevolment jew legalment tasal għall-konkluzjoni li tkun waslet għaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[3]

15. Illi għal dak li jirrigwarda l-mertu ta' l-appell interpost, il-Qorti għasret tajjeb il-kontenut tar-rikors tal-appell u ssib illi bis-saħħa tiegħu l-appellant qiegħed jikkontendi illi kuntrarjament għal dak li ġie deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

(i) M'huwiex minnu illi ġiet ikkaġunata ħsara fil-ġisem ta' Liam Doublet, u dan stante illi ma jirriżultax illi kien hemm xi skontru fiżiku bejn l-appellant u Liam Doublet;

(ii) M'huwiex minnu illi l-appellant kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar, u wisq inqas li huwa qabad l-istess sabiex iħebb għal Liam Doublet.

16. Il-Qorti tosserva illi fil-ftuħ tar-rikors tal-appell, l-appellant għażel li jinċensa lill-Qorti tal-Maġistrati in kwantu ddikjarat fis-sentenza tagħha illi hija sabet ruħha rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet li f'mument kruċjali tagħhom jikkuntrastaw u illi għalhekk l-ewwel Qorti tenniet illi hija kellha, fiċ-ċirkostanzi, tiżen tajjeb kull dettal li nġieb mill-partijiet għall-kunsiderazzjoni tagħha. L-appellant madanakollu jiċċensura lill-istess Qorti għaliex fil-fehma tiegħu hija naqset milli tikkunsidra b'mod akkurat u minizzjuż l-provi kollha formanti parti mill-atti tal-kawża.

17. Din il-Qorti tgħid mingħajr wisq tidwir illi wħud mis-sottomissjonijiet li jsostnu l-appell jirravviżaw il-fieragħ. L-ewwel minn dawn is-sottomissjonijiet hija dik diretta fil-konfront tal-ewwel Qorti u permezz ta' liema ġie dikjarat illi dik l-istess Qorti kellha predispożizzjoni li

[3] Fir-rigward, dik il-Qorti rreferiet ukoll għas-segwenti sentenzi: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991.

temmen kull ma ntqal minn Liam Doublet u Daniela Dingli. Fi kliem ieħor, l-appellant huwa tal-fehma illi l-ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża, mhux wara li kkunsidrat il-provi miġjuba b'mod oġġettiv hekk kif minnha mistenni, iżda li għamlet dan bi predisposizzjoni li ssib ħtija fl-appellant u dan mingħajr ma wera għalfejn din il-Qorti, dejjem fil-fehma tiegħu, kellha tagħmel dan. Din is-sottomissjoni hija ċertament immirata lejn u timmina bla bżonn l-imparzjalita` tal-ewwel Qorti; sottomissjoni li din il-Qorti ma tqisx li hija f'lokha, mhux inqas għaliex l-appellant naqas milli jagħti raġunijiet siewja sabiex isostni l-allegazzjoni tiegħu.

18. Fiergħa wkoll fil-fehma ta' din il-Qorti hija s-sottomissjoni tal-appellant fis-sens illi Liam Doublet u Daniela Dingli kienu fasslu pjan elaborat sabiex jonsbu lill-appellant. Hekk ukoll hija dik is-sottomissjoni li permezz tagħha l-appellant jisħaq illi Ylenia Formosa ġiet indotta b'mod maħsub bil-quddiem minn Daniela Dingli sabiex tara arma li hija ma setgħet qatt tara, u dan għaliex skont l-istess appellant huwa ma kien qiegħed iġorr l-ebda arma dakinhar tal-akkadut. B'rabta ma' din is-sottomissjoni, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi mill-atti proċesswali jirriżulta nkontestat illi kien l-appellant flimkien ma' martu, li niżlu l-Għadira dakinhar tal-akkadut u li għall-għarrieda avviċinaw lil Liam Doublet. Is-sottomissjoni tal-appellant tista' biss treġi kemm il-darba kellu jirriżulta illi kienu Doublet u Dingli li avviċinaw lill-appellant, u mhux il-kontra. Fil-fehma ta' din il-Qorti għalhekk, is-supposiżżjonijiet gratwiti avvanzati mill-appellant għall-kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti ma jistgħux għajr jiġu skartati, hekk kif tajjeb għamlet qabilha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Tajjeb jingħad illi l-appellant għażel mhux biss li jakkumpanja lil martu dakinhar tal-inċident, iżda talli jirriżulta illi huwa għażel li jintrometti ruħu fi kwistjonijiet li ma kinux jolqtu lilu.

19. Illi minn eżami akkurat tar-rikors tal-appell, jirriżulta wkoll illi l-appellant qiegħed jistieden lil din il-Qorti tieħu qies tad-depożizzjoni tax-xhieda ta' Ylenia Formosa f'dawl għal kollox differenti minn dak li fih ġie meqjus mill-ewwel Qorti. Fil-fehma tal-appellant għalhekk, u kuntrarjament għal fehma tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ix-xhieda ta' Ylenia Formosa ma tikkorraborax il-verżjoni ta' Liam Doublet u ta' Daniela Dingli, iżda tikkorobora l-verżjoni tiegħu u ta' martu. Fir-rigward, l-appellant isostni illi m'huwiex minnu illi Ylenia Formosa rat l-arma li allegatament kienet

qegħda tinġarr mill-appellant, u jżid ifisser illi din x-xhieda ġiet indotta minn Daniela Dingli. Din il-Qorti tistqarr illi ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni, kif lanqas taqbel illi l-Qorti tal-Maġistrati ġiet b'xi mod żvijata bix-xhieda ta' Ylenia Formosa. Din ix-xhud kienet ċara fix-xhieda tagħha dwar dak li kienet rat – "*Le kien jidher li car li hija arma ifhimni*"[4]. Fuq l-iskorta tal-assjem tal-provi, din il-Qorti wkoll tqis illi dakinhar tal-akkadut l-appellant kien tassew qiegħed iġorr arma tan-nar. Din il-Qorti, bħal dik ta' qabilha, waslet għal din il-konklużżjoni fuq l-iskorta tal-pretensjoni tal-appellant illi jqis illi din il-Qorti għandha tagħmel "*eżami attent ta' dak li (Ylenia Formosa) rat – jew ma ratx*". Ix-xhieda ta' Formosa, li permezz tagħha ġie kkonfermat illi hija kienet tassew rat l-arma li kien qiegħed iġorr l-appellant, ma ġietx kontradetta bi provi li jikkonvinċu lil din il-Qorti mod ieħor. Veru illi din ix-xhud ma tikkonfermax illi seħħew l-azzjonijiet li jixhdu dwarhom Doublet u Dingli, iżda mill-banda l-oħra ma jistax jiġi skartat il-fatt illi Formosa tixhed b'mod ċar illi hija kienet rat l-arma fil-pussess tal-appellant; fatt dan li għalhekk jikkorrobora l-verżjoni ta' Doublet u Dingli illi l-appellant kellu arma fil-pussess tiegħu, u mhux il-verżjoni tal-appellant u ta' martu, illi jixhdu illi dakinhar l-istess appellant ma kien qed iġorr l-ebda arma tan-nar. Saħanistra, u fid-dawl tal-lanjanzi tal-appellant, din il-Qorti tqis illi Ylenia Formosa għandha titqies bħala xhud żvestita minn kwalsiasi nteress fid-disgwid li kien jeżisti bejn *Alpha Medical* u *Red Cross Malta*, għax hija kienet sempliċi pazjenta li kienet qiegħda tistenna ġewwa l-ambulanza tas-soċjeta` *Alpha Medical* bil-għan li tiġi mdewwija minn gidmiet ta' insett. Tqis għalhekk illi x-xhieda tagħha tikkorobora b'mod indipendenti x-xhieda ta' Liam Doublet u Daniela Dingli. F'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-Qorti qajla tista' tipproċedi bil-mod propost mill-appellant, u ċioe` billi tiskarta provi dwar fatti li, minkejja li ma jirriżultawx mix-xhieda ta' Ylenia Formosa, jirriżultaw mod ieħor, tant għaliex Ylenia Formosa naqset milli tikkonfermahom.

20. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma tqisx illi huwa mistħoqq illi x-xhieda ta' Ylenia Formosa tiġi b'xi mod skartata bħala inveritiera jew altrimenti monka fuq l-iskorta tas-sottomissjoni illi hija ddeskrivit l-arma tan-nar fil-pussess tal-appellant b'kulur li mhux preċiżament tagħha. Fir-rigward jingħad illi mill-provi jirriżulta illi l-parti

[4] A fol. 233 tal-proċess.

ta' fuq tal-arma in kwistjoni huwa ta' kulur il-fidda, filwaqt li partijiet oħra huma ta' kulur iswed, u dan filwaqt li Ylenia Formosa iddeskriviet il-maqbad tal-arma bħala ta' lewn griż skur. Anke jekk huwa minnu illi l-inċident seħħ f'ġurnata ta' viżibilita` tajba, kif josserva l-appellant, ma jistax jiġi skaratat il-fatt illi x-xhud għamlet l-osservazzjonijiet tagħha minn ċertu distanza, għal ħin qasir ferm, hekk kif l-appellant kien qiegħed jallontana ruħu u dan hekk kif parti mill-istess arma kienet moħbija wara l-malja li l-appellant kien liebes. Fir-rigward tal-arma in kwistjoni din il-Qorti tqis ukoll, kif qieset l-ewwel Qorti qabilha, illi kemm Liam Doublet, kif ukoll Daniela Dingli jiddeskrivu l-arma fix-xhieda tagħhom u dan qabel ma huma ġew mitluba jidentifikaw l-arma li ġiet esebita mill-Prosekuzzjoni fil-mori tal-proċeduri. Fil-fatt, fix-xhieda tiegħu Doublet jixhed illi "*l-arma kienet silver fuq u l-grip kien iswed*"[5], u bl-istess mod Daniela Dingli tixhed illi "*Kienet silver minn fuq u iswed minn isfel*"[6]. Tinnota wkoll illi *a tempo vergine* u fid-dikjarazzjoni rilaxxjata minnu lil PS 55 I. Cutajar, Doublet jiddeskrivi l-arma bħala "*ta' lewn sewda u griz matt*"[7] u l-għada fit-22 ta' Awwissu 2022 bħala "*ta' kulur silver fuq u isfel iswed*"[8], filwaqt illi fl-istess jum, Daniela Dingli tiddeskrivi l-arma bħala "*qisu silver matt qisu aluminium u minn taht iswed*"[9], b'dan għalhekk illi din il-Qorti ma tqisx illi kien hemm xi diskrepanzi sinjifikanti fil-verżjonijiet li taw dawn ix-xhieda fi stadji diversi. Tqis ukoll, kif anke aċċennat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, illi l-appellant xehed illi l-arma in kwistjoni kienet waħda partikolari, anke għaliex il-lewn tagħha m'huwiex kollu iswed bħal *Glock* normali, b'dan għalhekk illi din il-Qorti tqis illi Doublet u Dingli, anke *a tempo vergine*, kienu kapaċi jiddeskrivu l-arma b'mod pjuttost preċiż u jagħrfu li din kellha żewġt ilwien, minkejja li din ma kinitx arma tant komuni; fatt dan illi din il-Qorti ma tistax tispjegah għajr billi tikkonkludi illi fil-jum in kwistjoni, Doublet u Dingli verament kienu raw din l-arma fil-pussess tal-appellant, u dan irrispettivament minn jekk Doublet ma kienx jifhem fl-armi, kif itenni l-appellant.

---

[5] A fol. 69 tal-proċess.
[6] A fol. 95 tal-proċess.
[7] A fol. 18 tal-proċess.
[8] A fol. 8 tal-proċess.
[9] A fol. 9 tal-proċess.

21. Illi l-Qorti lanqas ma tqis li għandha mis-sewwa x-xhieda tal-appellant u ta' martu, u per konsegwenza s-sottomissjoni tal-appellant, fis-sens illi ma kien hemm l-ebda skontru fiżiku bejn l-appellant u Liam Doublet. Sewwa sew kif osservat l-ewwel Qorti u wara li eżaminat sewwa l-filmati esebiti fl-atti, jirriżulta lil din il-Qorti, illi wara ftit sekondi illi huwa avviċina lil Doublet, l-appellant mexa lura b'mod u manjiera u b'tant ħeffa u forza, illi jirriżulta evidenti illi huwa ġie mbuttat lura, tant illi tidher id Doublet li qegħda timbuttah, u allura mhux kif jgħid l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu illi "*mill-filmat ma jidhirx li l-esponent gie mbuttat izda jidher biss l-esponent jersaq lura*". Minkejja illi ma jidhrux l-azzjonijiet tal-appellant u ta' Doublet illi jixhdu dwarhom l-istess Doublet u Daniela Dingli, u dan tenut kont illi l-viżwali tal-*camera* in kwistjoni kienet mgħottija, din il-Qorti tqis illi l-istess filmat jikkorrobora b'mod sikur u sodisfaċenti l-verżjoni ta' Doublet u Dingli. Veru illi ħadd mix-xhieda ma jgħid illi l-appellant ġie mbuttat minn Doublet, iżda l-filmat juri b'mod ċar illi seħħet alterkazzjoni fiżika bejn l-appellant u Doublet, kif jixhdu l-istess Doublet u Dingli u, kuntrarjament għal dak li jixhdu l-appellant u martu, fis-sens illi l-argument kien biss wieħed verbali. Il-Qorti ma tarax għaliex l-appellant mexa bil-mod li mexa ħlief għaliex kien hemm skontru fiżiku, kif jisħqu Liam Doublet u Daniela Dingli. Il-Qorti rat ukoll, mill-istess filmat, immedjatament wara li l-appellant ġie mbuttat, dak li rat l-ewwel Qorti qabilha, u ċioe` lill-appellant idawwar idu l-leminija wara dahru u jerġa' jeħodha lura 'l quddiem – l-istess id li jixhdu dwarha Doublet u Dingli, u illi huma jixhdu li biha l-appellant ħareġ l-arma tan-nar min-naħa ta' wara tal-persuna tiegħu. Għalkemm fil-filmat, l-appellant ma jidhirx jippunta l-arma tan-nar lejn Doublet, anke għaliex l-appellant jerġa' ma jibqax fil-viżwali tal-*camera,* dan il-fatt iżjed jikkorrobora dak li xehdu dwaru Liam Doublet u Daniela Dingli u ċioe` illi l-appellant kien ħareġ arma minn naħa ta' wara tal-persuna tiegħu. Fil-fehma ta' din il-Qorti għalhekk mhux talli ma għandux mis-sewwa dak li jissottometti l-appellant, u ċioe` illi l-filmati jikkorroboraw dak li jtenni hu, iżda tqis illi l-istess filmati jkomplu jikkorroboraw il-verżjoni tal-Prosekuzzjoni.

22. Illi jingħad ukoll li din il-Qorti ma tqisx illi x-xhieda ta' PC 958 Xavier Agius hija waħda fejjieda, hekk kif iqis l-appellant. Il-fatt li ħadd ma talab l-assistenza ta' l-istess membru tal-Korp tal-Pulizija ma jżid jew inaqqas xejn mill-fatt illi seħħ dak li minn provi oħra jirriżulta li seħħ. Bl-istess

mod, il-fatt illi dan ix-xhud ma sema' xejn irregolari m'huwiex determinati, partikolarment tenut kont tal-fatt illi kienet mart l-appellant stess illi xehdet kif hija kienet talbet lill-appellant ibaxxi leħnu. B'rabta ma' dan, tajjeb jingħad illi mill-filmati jirriżulta illi l-appellant kien avviċina l-ambulanza u għalhekk lil Liam Doublet, hekk kif l-istess kuntistabbli jidher miexi fid-direzzjoni opposta. Bl-istess mod, din il-Qorti ma tqisx illi tista' tiddeċiedi illi ma ġiet ikkawżata l-ebda offiża fuq il-persuna ta' Liam Doublet, hekk kif sottomess mill-appellant, meta dan il-fatt ġie debitament ċertifikat minn Dr. Sylvano Mizzi, li ta x-xhieda tiegħu bil-proċedura tal-affidavit, u li l-appellant għażel li ma jikkontestahiex bil-mezz tal-kontro-eżami. Fir-rigward, din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti dwar is-sejbien ta' ħtija tal-appellant dwar l-ewwel imputazzjoni, u żżid ukoll illi minkejja illi Dr. Mizzi niżżel biss illi Doublet kellu uġiegħ fl-imnieħer, dan huwa għamlu wara li eżamina lill-istess Doublet, kif wara kollox jixhed fl-affidavit tiegħu[10], u għalhekk mhux sempliċiment għaliex kien Doublet li qallu b'dan.

23. Hawnhekk irid jingħad illi l-appellant jillanja wkoll mis-sejbien ta' ħtija tiegħu dwar it-tieni imputazzjoni, u dan għaliex fil-fehma tiegħu, din tikkonfliġġi mas-sejbien ta' ħtija tiegħu fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa lil Doublet. Din il-Qorti lanqas ma taqbel ma' din is-sottomissjoni tal-appellant. L-Artikolu 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min "*mingħajr ma jidrob jew isawwat, ihedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew iwaddabhom, jew jaqbad armi oħra kontra n-nies*". Fil-verzjoni bl-Ingliż, l-ewwel parti ta' dan l-artikolu tal-liġi jgħid hekk: "*Without inflicting any wound or blow*". Din il-Qorti tqis illi l-episodju tad-daqqa tar-ras lil Doublet u tal-ippuntar lejh tal-arma tan-nar, da parti tal-appellant, minkejja li mbiegħda minn xulxin bi ftit sekondi, kienu żewġ episodji separati u illi fil-mument illi l-appellant qabad l-arma kontra Doublet, huwa la darbu u lanqas sawwtu. Dan l-appellant kien għamlu ftit tas-sekondi qabel meta ta lil Doublet daqqa b'rasu. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, kienet korretta l-ewwel Qorti meta sabet lill-appellant ħati wkoll tat-tieni imputazzjoni.

---

[10] Ara a fol. 39 tal-proċess.

24. In kwantu s-sottomissjoni tal-appellant illi kien ferm stramb jew inverosimili l-aġir ta' Daniela Dingli, illi mill-ambulanza, wara li rat lill-istess appellant jipponta l-arma tan-nar lejn Doublet, hija tiġbed filmat ta' dak li kien qed iseħħ, minflok iċċempel lill-Pulizija għall-għajnuna, il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti meta din sostniet illi "*ma tara xejn stramb illi Dingli kienet taħt xokk b'dak li rat u minflok ċemplet lill-Pulizija qabdet tieħu filmat ta' dak li kien qiegħed jiġri*". Din il-Qorti tqis ukoll illi fiż-żminijiet tal-lum, bil-mezzi teknoloġiċi disponibbli, saret okkorrenza normali li wieħed jiġbed filmat ta' inċident, minflok iċempel lill-Pulizija, u għalhekk bħall-ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti ma tara xejn stramb jew inaċċettabbli fl-aġir ta' Dingli. In oltre il-Qorti lanqas ma tqis xejn irregolari fil-fatt illi Doublet, Dingli u Charlton Caruana għamlu r-rapport tagħhom lill-Pulizija għall-ħabta tas-7.26 p.m.[11], meta l-inċident de quo kien seħħ għall-ħabta tas-5:45 p.m. Fl-ewwel lok jirriżulta b'mod ċar illi Doublet ma kienx irnexxielu jkellem lil Caruana mill-ewwel, stante illi dan tal-aħħar kien fuq il-linja ma' Marie Paulette Fenech, u kien biss meta Doublet eventwalment tkellem ma' Caruana illi ġie deċiż illi jsir rapport, għall-ewwel ġewwa l-Għassa tal-Mosta, u sussegwentement wara li Caruana tkellem ma' ħuh, li huwa Surġent, ġewwa l-Għassa tal-Qawra. Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Charlton Caruana, illi huma m'għamlux ir-rapport tagħhom mill-ewwel hekk kif ilkoll waslu ġewwa l-Għassa u dan stante illi l-Pulizija kienu okkupati b'każ ieħor. Fir-rigward Caruana jgħid hekk: "*Jiena kont diga` dhalt l-Ghassa fejn il-Pulizija kienu qed jiehdu rapport ta' haddiehor allura konna barra qed nistennew imbaghad dhalna ahna biex naghtu r-rapport taghna*".[12] Dan għalhekk jispjega sodisfaċentement il-ħin li għadda bejn l-inċident u r-rapport ta' Doublet, Dingli u Caruana u m'hemm xejn x'jindika, kif jgħid l-appellant, illi dan id-dewmien kien dovut għall-fatt illi "*gie elaborat il-pjan taghhom*". Hawnhekk din il-Qorti żżid ukoll illi in kontro-eżami, Charlton Caruana jikkonferma illi fi triqtu lejn l-Għassa tal-Qawra, huwa ċempel lill-appellant u qallu l-kliem "*jekk ha tippunta arma ppuntaha lejja u mhux lejn in-nies tieghi*", li jfisser illi ftit tal-ħin wara li sar jaf mingħand Doublet b'dak li kien seħħ, huwa mill-ewwel ikkonfronta b'dan lill-

[11] Ara l-affidavit ta' PS 55 I. Cutajar, a fol. 17 tal-proċess.
[12] Ara a fol. 134 tal-proċess.

appellant, u ma qgħadx jistenna li jiltaqa' ma' Doublet u ma' Dingli sabiex jelaboraw xi pjan, kif jissottometti l-appellant.

25. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet eżami akkurat u approfondit tal-kwadru probatorju kollu u kuntrarjament għal dak li jsostni l-appellant, din ma naqsitx milli tqis u tikkunsidra t-teżi avvanzata minnu. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha fis-sentenza appellata.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' **Robert BRINCAU** u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża jibda jgħaddi mil-lum. Bl-istess mod, jibda għaddej mil-lum, il-perjodu operattiv tal-Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-appellant.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti wissiet lill-appellant, fi kliem ċar u sempliċi, bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija fit-terminu operattiv tas-sentenza sospiża.

Il-Qorti wissiet ukoll lill-appellant, fi kliem ċar, il-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba, mingħajr skuża raġonevoli, huwa jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu bl-Ordni ta' Trażżin u dan skont l-Artikolu 382A(3) tal-Kodiċi Kriminali.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**